MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 209/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Clifford Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 209/2011**

**Illum, 7 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Clifford Camilleri**, bin Lawrence u Magdalene nee' Farrugia, imwieled Pieta' fit-18 ta' Novembru, 1983, residenti fil-fond Briffa Flats 1 Misrah Turu Colombo Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 587083(M).

Akkuzat talli fit-13 ta’ Ottubru, 2010 gewwa Ta’ Kandja, limiti tas-Siggiewi ghall-habta tal-11:00am ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Lada Samara bin-numru tar-registrazzjoni JMC 166, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sehh a detriment ta’ Lawrence Anthony Camilleri;

U aktar talli kkometta ruhu recidiv b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

U aktar talli kiser il-kundizzjoni tal-Conditional Disharge.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

a) 261, 267, 271(g), 279(a)(b), 280(1), 281(a); u
b) 49, 50, 31 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni ta’ serq fil-konfront ta’l-imputat; il-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi fit-13 ta’ Ottubru 2010 l-imputat kien qieghed ma’ missieru fil-barriera maghrufa “ta’ Matti”; marru hemm biex missier l-imputat igib xi ramel; huma marru hemm bil-vettura ta’ missier l-imputat. Waqt li kienu hemm inqala’ xi disgwid bejn l-imputat u missieru u l-imputat tela’ mill-barriera, qabad il-karozza ta’missieru u, minghajr ma kien qallu xejn, telaq ‘l hemm biha. Meta missieru gie biex jitlaq mill-barriera, ma sabx il-karozza u mar l-ghassa tal-pulizija

jirrapporta li l-karrozza tieghu kienet insterqet u li xtaq li jittiehdu passi kontra ibnu. Tentattivi biex jigi stabbilit xi kuntatt ma'l-imputat  kienu inutli; kien biss l-ghada fil-ghaxija li l-imputat halla l-karozza ipparkjata hdejn id-dar t'ommu (missieru u ommu huma separati u jghixu f'indirizzi differenti).

Illi ghandu jinghad li meta missier l-imputat tressaq biex jixhed, ingunt mill-prosekuzzjoni, huwa prevalixxa ruhu mill-fakolta li ma jixhidx. Eventwalment huwa gie minn jeddu bhala xhud in difeza. Meta ta d-depozizzjoni tieghu l-verzjoni tieghu kienet inbidlet xi ftit minn dak li huwa kien qal lill-pulizija meta mar jaghmel ir-rapport; anke prova jimplika li hu mhux rapport ta' serq kien ghamel u li ma kienx talab li jittiehdu passi kontra ibnu. Il-Qorti pero, tenut kont tal-mod kif missier l-imputat irrisponda l-mistoqsijiet maghmula lilu minnha stess, hija konvinta li r-rapport esebiet in atti huwa korrett u jirrifletti dak li missier l-imputat qal lill-pulizija; hija konvinta ukoll li r-rapport li ghamel kien wiehed dwar serq u li huwa kien talab li jittiehdu passi kontra ibnu l-imputat. Il-Qorti tifhem pero li l-mod kif iddepona missier l-imputat seta' kien determinat mix-xewqa tieghu li jipprova jaggevola lil ibnu f'tentattiv biex jirrangwa r-relazzjonijiet ta' bejnithom.

Illi ghandu jigi rilevat li f'l-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li ha l-karozza ta' missieru minghajr il-kunsens tieghu u li kien biss meta rrealizza li kienu qed icemplulu u jfittxuh il-pulizija li huwa rritorna l-karozza.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali hemm zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat:

- serq aggravat bil-valur u x-xorta tal-haga; u
- recidiva.

Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem[1] li

*our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta'l-Appell Kriminali[2] stabbilit li:

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms*

[1] Notes on Criminal Law Vol II pagna 269.
[2] Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003.

*of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat ha l-vettura, li ma kenitx tieghu imma ta' missieru, minghajr il-kunsens ta' sidha; ghalhekk jirrizultaw l-elementi materjali kollha tar-reat in ezami.

Illi dwar l-element intenzjonali fil-fehma tal-Qorti dan il-kaz facilment jaqa taht definizzjoni ta'l-hekk imsejjah furto d'uso ghaliex jidher car li l-imputat ha l-vettura ta' missieru biex juzaha. Il-*furto d'uso* pero jibqa *furto* fis-sens li *fis-serq il-gwadan mhux necessarjament ikun gwadan pekunjarju … **il-gwadan maghmul mill-uzu tal-haga huwa bizzejjed**[3]. In fatti dak li jissejjah furto d'uzo hu serq, fejn propju l-gwadan hu maghmul jikkonsisti mill-uzu anke temporanju, ta'l-oggett misruq*[4].

[3] Sottolinear ta' din i-Qorti.
[4] Ref Pulizija vs Martin Dimech Appell Kriminali deciza 10.07.1998

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni immputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva.

Illi mis-sentenzi esebiti (Dok SZ3, Dok SZ5 u Dok SZ6) jirrizulta ampjament li fil-perjodu ta' hames snin qabel id-data tar-reat odjern l-imputat kien instab hati u kkundannat permezz ta' prigunerija u anke multa ghal reati ohra.

Illi konsegwentement anke din it-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Ikkunisdrat

Illi ghandu jigi rilevat li fic-citazzjoni hemm imputazzjoni ohra migjuba kontra l-imputat u cioe il-ksur ta' liberta kondizjonata.

Illi pero fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali m'hemmx l-artikoli tal-Ligi relevanti kwotati; il-Qorti ghalhekk bil-fors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-kommissjoni tar-reati u l-fedina penali ta'l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll ir-relazzjonijiet familjari li hemm bejn l-imputat u l-parte leza u l-effett li jista' jkollha din is-sentenza fuq din ir-relazzjoni, kif ukoll tal-progress li jidher li qed jaghmel dan l-ahhar l-imputat kif jirrizulta mid-depozizzjoni ta' l-ufficjal tal-probation Carmen Nygard li ilha ssegwi lill-imputat ghal zmien twil.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni elenkata fic-

citazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(g), 267 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------